# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum l-Erbgħa tmintax (18) ta' Ġunju, 2025**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat nru.: 935/2024MH**

**Numru: 8**

**Joseph Persiano**
**Vs**
**Awtorita' Tad-Djar u**
**n-Nutar Maria Spiteri għal kull**
**interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-konvenuta n-Nutar Pubbliku Maria Spiteri datat 28 ta' Ottubru, 2024[1], fejn talbet il-Qorti li tiġi permessa, wara li tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, li tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha wara li naqset li tagħmel dan fit-terminu lilha mogħti mil-liġi taħt il-premess illi hija ma ndunatx illi fil-fatt kienet waħda mill-mixlija qua konvenuta, u kienet għalhekk taħt l-impressjoni li

[1] Folio 84.

hi kellha biss titla' fl-ewwel seduta appuntata biex tikkonferma l-awtenticita' ta' l-att pubbliku minnha ppubblikat.

Illi żżid ma' dan illi hi ma kellha ebda idea li turi diżrispett lejn il-Qorti, ħasbet biss li kienet xhud, anke minħabba l-fatt li l-attur qatt ma kien avviċinaha għal diversi snin mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Tgħid li ġiet anke indotta fl-iżball minħabba li ġiet imħarrka *"...għal kull interess li jista' jkollha"*.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' tad-Djar, waħda mhux oppożitorja.[2]

Minn naħa l-oħra r-risposta ta' l-attur[3] kienet kuntrarja għal din il-purgazzjoni tal-kontumaċja fuq il-premessa li n-Nutar konvenuta ma kienetx ressqet raġuni li kienet issib konfort fil-każistika relatata.

Semgħet ukoll it-trattazzjonijiet.

[2] Folio 88.
[3] Folio 91.

Ikkunsidrat:

Illi ai termini ta' l-artikolu 187 tal-Kap (12 *)* tal-Liġijiet ta' Malta*:*

> *"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."*

Stabbilita notifika valida, minn naħa l-oħra l-liġi tipressupponi u taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn **għal xi kawża ġusta** konvenut debitament notifikat jonqos milli jonora l-ordni li jirrispondi għall-iskrittura[4] lilu debitament notifikata, fiż-żmien perentorju stabbilit mill-liġi. Għalhekk l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 jgħid:

> *"Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax <u>għas-sodisfazzjon tal-qorti</u> raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss."* (enfasi tal-Qorti.)

Dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja l-ġurisprudenza tgħallem illi:

[4] Rikors ġuramentat.

*"Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja :-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja ;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci ;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa ;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili" ;*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali. Dan kollu intqal fis-sentenza* "**Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et**"[5]

Ukoll kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) :-

*"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-*

[5] 17 ta' Marzu, 2015 Prim'Awla

> *persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

Insibu wkoll li fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**", deċiża fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li :-

> *"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."* (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi"**[6] fejn inghad is-segwenti:-

---

[6] (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta' Lulju 2001)

*"Indubbjament l-istitut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex".*

*"Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti........".*

*"Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha.....,".*

Każ ieħor li jagħti dawl fuq dan l-istitut u l-import tiegħu għalkemm jitratta sitwazzjoni ta' parti li ma semgħetx il-kawża tissejjaħ kien **Joseph Caruana Co Ltd vs David Coleiro et**,[7]. Il-qorti qalet:

*"……. insibu illi jekk il-konvenut ikun ha zball fid-data tal-kawza jew tad-differiment dak l-izball hu wiehed vincibbli u ma jikkostitwix kawza gusta ("Farrugia -vs- Grech", Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar 1926). Lanqas ma huwa zball skuzabbli fejn ikun hemm l-evidenti negligenza jew traskuragni ta' l-appellanti jew tad-difensur tieghu ("Mercieca -vs- Mifsud", Appell Inferjuri, 3 ta' Mejju 1943) jew fejn, minhabba dizattenzjoni l-appellant ma semghax il-kawza tissejjah ("Caruana -vs- Galea", Appell Inferjuri, 29 ta' Novembru 1952). F' kaz bhal dan dik in-negligenza toqtol kwalunkwe gustifikazzjoni in bazi ghall-aforisma*

[7] 17 ta' Novembru, 2004.

> *"qui culpa sua damnum sentit non videtur damnun sentire", ("Luigi Ellul -vs- Angela Ellul", Appell Inferjuri, 30 ta' Marzu 1949);*
>
> *Huwa dezumibbli minn dawn il-ftit ezemplari illi ma tirrikorrix ir-raguni tajba rikjesta mil-ligi f'kaz ta' negligenza jew traskuragni tal-kontumaci (Kollez. Vol. XXXV P I p 323), anke jekk din tikkonsisti f'semplici dizattenzjoni u dan mhux biss meta l-htija tkun tal-parti izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu (Kollez. Vol. XXXI P I p 738)".*

Ikkunsidrat:

Illi mela mir-rassenja ġurisprudenzjali huwa ċar li l-konvenut kontumaċi jrid jressaq raġuni b'kawża ġusta biex jegħleb dan.

Tara li l-konvenuta Nutara debitament notifikata, qalet li l-Qorti fl-ewwel seduta, għalkemm dan ma ġiex verbalizzat, illi hija kienet biss preżenti bħala xhud. Kien inutli li l-Qorti ssenjalatilha li hi kienet infatti mħarrka qua konvenuta.

L-istess avvanzat fir-rikors in deżamina.

Il-Qorti bla tlaqliq issib din l-iskuża għal kollox pwerili u xejn li twassal għal kawża ġusta. Il-konvenuta Nutara volontarjament għażlet li turi nuqqas ta' attenzjoni lejn dokument uffiċjali lilha debitament notifikat, din it-traskuraġni tagħha hija aktar aċċenwata mill-fatt li hi hija persuna ta' xjenza legali. Dan ġia' hu biżżejjed biex jqiegħed fuqha piż ta' attenzjoni akbar. Kif tista' l-Qorti temmen

li mara li kisbet b'suċċess lawrea akkademika terzjarja fis-suġġett tal-liġi, li tiġi quddiema bi skuża fjakka li tfixklet in-natura ta' rikors ġuramentat ma' inġunzjoni għax-xhieda. Kieku indenjat taqra sew dak li ġie notifikat lilha kienet żgur tagħraf ix-xilja fil-konfront tagħha a prexxindere minn meta saret il-pubblikazzjoni minnha ta' l-Att. Inveċe uriet traskuraġni kbira, grossolana wkoll diżrispett lejn l-ordni tal-Qorti mhux biss li tidher għall-ewwel appuntament, għax hekk għamlet, imma li tressaq kif del resto kien dritt tagħha d-difiża tagħha in terminu. Magħdud dan mal-prinċipji li ġew stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrali, ma tarax kif tista' tilqa' t-talba tagħha għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u konsegwentement tiċħad it-talba mressqa għal dan.

Jibqgħu im preġudikati kull dritt mogħti lilha bil-liġi skond l-artikolu 158 (10) tal-Kap 12.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**